MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2010

Numru 560/2006

Il-Pulizija
(Spettur Paul Bond)

vs

Clive Pirotta
Keith Bezzina
Samwel sive Sammy Cortis
John Fenech

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta' karta ta' identita' 571485M, 176789M, 326889M u 649382M rispettivament, akkuzati talli:

1. fid-19 ta' Novembru 2005 wara nzul ix-xemx dahlu f'garaxx li jgib numru 1 'Drive in' Triq il-Mastrudaxxa, Mosta, minn fejn serqu kwantita' kbira ta' ghodda kif ukoll

zewg muturi li jintuzaw ghax-xoghol ta' spray fuq il-karozzi li l-valur taghhom jeccedi l-Lm1000 liema serq hu aggravat bil-vjolenza (numerika), mezz, valur, persuna u hin u dan ghad-dannu ta' Jeffrey Cassar mill-Mosta;
2. fl-istess data, hinijiet u lok bil-qerq holqu jew gieghlu jidher li donnu kien hemm fatt jew cirkustanza sabiex dan il-fatt jew cirkustanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;
Kontra Keith Bezzina:
3. li b'ghemilu kiser il-kundizzjonijiet li kienu gew imposti mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta b'sentenzi li jgibu d-dati tal-31 ta' Jannar 2005 u tat-18 ta' April 2005 meta kien instab hati ta' delitti u kien gie lliberat mill-istess Qorti bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mid-dati rispettivi;
Kontra John Fenech:
4. li b'ghemilu sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta li
ggib id-data tal-4 ta' Novembru 2004 wara li kien instab hati ta' delitt liema sentenza ma tistax tigi mhassra.

Rat l-Artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju tal-akkuzati;

Semghet l-akkuzati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kawza tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jirreferu ghal-serqa li twettqet fl-20 ta' Novembru 2005 bi pregudizju ta' certu Jeffrey Cassar mill-istabbiliment, ossija garaxx tieghu, adebit bhala 'panel beater', minn fejn kienu nsterqulu kwantita' ta' ghodda ta'

valur li jeccedu l-Lm1000. Ma jezisti ebda dubbju li l-akkuzati kienu l-persuni li wettqu din s-serqa li kienet giet ippjanata mill-akkuzat Clive Pirotta bi tpattija, jallega hu, talli d-derubat kien naqas f'xi xoghol li kellu jaghmillu fuq karozza. Intant, jirrizulta li l-ghodda giet ritornata u li l-akkuzati kollha kkoperaw fis-sens illi ilkoll ammettew l-involviment taghhom fl-istadju tal-istqarrija taghhom, anzi, kien wiehed mill-akkuzati stess li kixef mad-derubat is-serqa.

Issa, l-akkuzati huma wkoll ilkoll mixlija li holqu fatti jew cirkostanzi qarrieqa konsistenti dawn billi qalghu l-ghatu tal-extractor u kisru xi katnazzi sabiex holqu l-apparenza ta' zgass bl-intenzjoni ovvja li l-indagni tigi svijata u tiehu xejra ohra lil'hemm mill-akkuzat Clive Pirotta li kien f'xi zmien qabel inghata c-cavetta tal-garaxx mid-derubat stess konsegwenza tal-vettura tieghu li dak iz-zmien kienet mizmuma fil-garaxx de quo. Fuq din it-tieni akkuza l-Qorti hi pero tal-fehma li din it-tieni akkuza ghandha tigi skartata u kkunsidrata bhala kontinwazzjoni tal-ewwel, ossija tal-akkuza principali tas-serq. Hi l-fehma tal-Qorti li l-kliem 'kull min' li bihom jibda l-artikolu in disamina mhumiex riferribbli ghall-persuni infushom, li jew bhala awturi jew bhala komplici jkunu wettqu l-offiza principali. Fuq kollox, tghid il-Qorti, irid jigi dimostrat li l-holqien ta' provi, konsistenti f'fatti jew cirkostanzi, ikunu saru biex tigi akkuzata persuna ohra li mhuwiex il-kaz hawnhekk.

Trattata r-recidiva riportata kontra l-akkuzat John Fenech u l-ksur ta' kundizzjoni ta' probation li tirreferi ghall-akkuzat Keith Bezzina, il-Qorti rrijavvisat illi fil-kors tal-proceduri gew esebiti tlett sentenzi tnejn minnhom datati 31 ta' Jannar 2005 u 18 ta' April 2005 kontra l-akkuzat Keith Bezzina u sentenza tal-4 ta' Novembru 2004 kontra l-akkuzat John Fenech. Miz-zewg sentenzi kontra Keith Bezzina huwa kien instab hati ta' 'raggion fattasi', hsara involontarja, sewqan minghajr licenzja u minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta dwar ir-riskji ta' terzi persuni u tqieghed taht ordni ta' probation ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 minghajr ma gie ffissat zmien u permezz tat-tieni sentenza tqieghed taht ordni ta' probation ghal zmien sena fuq akkuza ta' serq ta' cellulari li l-valur tieghu ma

kienx jeccedi l-Lm100. Mis-sentenza esebita kontra John Fenech huwa gie immultat Lm270 fuq reati li saq vettura minghajr ma kienet assikurata u licenzjata. Dan jipprekludi li tigi applikata sentenza ta' prigunerija sospiza izda mhux, wara li jittiehed kollox in konsiderazzjoni u l-mod tas-sehem taghhom f'din is-serqa li tillibera billi anka taddotta l-Artikolu 22 tal-Kap 446. L-istess piena li hi tal-fehma li ghandha tapplika kontra l-akkuzat Samwel sive Sammy Cortis. Fil-konfront tal-akkuzat Clive Pirotta li kontra tieghu ma ingabx l-aggravju tar-recidiva hi l-fehma tal-Qorti li sentenza ta' prigunerija sospiza hija mehtiega.

Ghalhekk, wara li rat l-Artikolu 261(a)(b)(c)(f), 262(b), 264(1), 267, 270, 279(b), 280(1)(2), 276 u fil-konfront tal-akkuzati Samwel sive Sammy Cortis u John Fenech l-Artikolu 42(d) u 43 tal-Kap 9, wkoll l-Artikolu 49 u 50 tac-citat Kap fil-konfront tal-istess Samwel Cortis u John Fenech, issibhom hatja tal-ewwel akkuza.

Lill-akkuzati Bezzina, Cortis u Fenech tapplika kontra taghhom l-Artikolu 22 tal-Kap 446 billi tilliberahom bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor punibbli bi prigunerija ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum. Tikkundanna lill Clive Pirotta sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendi ghaz-zmien tlett snin mill-lum sakemm ma jikkommettix reat punibbli bi prigunerija fiz-zmien it-terminu sospiz.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzati r-responsabiltajiet taghhom skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------